# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEBSITE: www.mqabba.gov.mt / www.lc.gov.mt**


Minuti tal-laqgħa numru tlieta (4) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tlieta, 17 ta' Settembru, 2019 fil-5.30pm, fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Omar Farrugia | Sindku |
| | Grace Marie Zerafa | Viċi Sindku |
| | Owen Sciberras | Kunsillier |
| | Henry Zaffarese | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Deputat Segretarju Eżekuttiv (DSE) |
| SKUŻATI | Jonathan Dingli | Kunsillier |
| | Nathan Aquilina | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

Is-Sindku ppresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

**Ittri ta' Apoloġija**

Kien hemm dik ta' Nathan Aquilina li ntbagħtet permezz ta' e-mail datata 12 ta' Settembru 2019. Nathan Aquilina kien skużat mill-kunsillieri preżenti.

Is-DSE semma' li f'e-mail li bagħat Jonathan Dingli fis-16 ta' Settembru, 2019 hu qal illi *'illi jekk il-ħin mhux ser jitranġa għada ħa nerġa' nkun skużat mil-laqgħa minħabba li nkun xogħol'*. Il-KLM skużah minkejja li d-DSE kien avżah biex ma jfallix kif kien mitlub mill-KLM u minkejja li ried iressaq xi punti fuq l-agenda għad-diskussjoni. Dawn il-punti se jkunu imressqa fil-laqgħa li jmiss meta jkun preżenti. Jonathan Dingli kien innutat illi minn erba' laqgħat għadu qatt ma qagħad għal-laqgħa sħiħa u l-ħin tal-laqgħa li jmiss se jkun fis-6.00pm. Grace Marie Zerafa ikkummentat fuq in-nomenklatura li qed juża Jonathan Dingli ta' *Minority Leader* u qalet illi din ma teżistix fil-liġi tal-Kunsilli Lokali.

**04.02 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa preċedenti**

Grace Marie Zerafa bagħtet xi emendi għall-minuti tas-seduta preċedenti u dawn kienu meħuda bħala moqrija u approvati u ffirmati b'vot unanimu wara li kienu mressqa mis-Sindku u ssekondati minn Owen Sciberras.

**04.03 Il-proċess tal-ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv**

Id-DSE qal illi daħlet applikazzjoni waħda li kienet eliġibbli.Kien maħtur il-Bord kompost mis-Sindku, il-Viċi Sindku u l-kunsillier Owen Sciberras. Kienet deċiża id-data tal-intervista għat-30 ta' Settembru fil-5.00pm u d-DSE talab lil membri sabiex jaħsbu fuq mistoqsijiet li l-applikant jista' jiġi mistoqsi.

**04.04 Jum l-Imqabba 2019**

Se tintbgħat l-istedina biex bħala compares ikunu Mariah Casha, Dr Charles Farrugia u / jew Michael Sciortino. Se jingħata Ġieħ l-Imqabba 2019 lil Dr Charlene Muscat, Paul Spiteri u rikonoxximent lil Maria Ghigo minħabba l-kontribut tagħha fin-*National Championships 2019* tal-atletika, lil Sarah Camilleri għall-kontribut fil-konkors *Miss Universe* u lil *Football Club tal-Minors* li telgħu minn Taqsima C għal Taqsima B. Il-Viċi Sindku tkellmet fuq il-fjuri li s-soltu jingħata lil *Compares* u talbet biex ikunu ppreżentati b'mod isbaħ milli kienu qed ikunu magħmulin fil-passat.

**04.05 Hatra ta' evalwaturi fuq l-offerta pubblika ta' Green Infrastructure tal-Gal Xlokk (By-Pass)**

Il-bord ta' evalwaturi ta' din l-offerta se jkun Kenneth Brincat bħala Ċerpersin, is-Sindku, Henry Zaffarese, u Jonathan Dingli u s-Segretarju tal-Bord se jkun id-DSE.

**04.06 Offerta pubblika tal-Ġonna Pubbliċi**

Dwar l-offerta pubblika tal-ġonna pubbliċi u soft areas se toħroġ sejħa bil-format il-ġdid li qed joħorġuh il-Kunsilli Lokali. Hawn id-DSE qal li se jkun identiku għal dak tal-Qrendi u tar-Rabat. Il-ġonna u s-soft areas se jkunu jinkludu Ġnien Onġi Onġella, Ġnien Tfal ir-Raħal, Ġnien Misraħ Missjoni ż-Żgħira*, is-soft area* tal-Mentna u r-*roundabout*, Ġnien Mikelang Sapiano, is-*Central Strip* ta' Triq il-Konvoj ta' Santa Marija k/m Triq Valletta u l-Ġnien tal-Ġibjun il-miftuħ, jekk dan jinsab li hu fir-responsabbilta' tal-KLM.

Ser jitħejja wkoll id-dokument tal-offerta tal-*Contract Manager* fuq il-kuntratti tat-tindif u dak tax-xogħlijiet ta' manutenzjoni ta' bankini u toroq.

**Skrivani**

Kien ikkunsidrat ir-rapport tal-bord tal-intervista tal-iskrivan/a u dan kien approvat mill-KLM b'vot unanimu wara li pproponieta il-Viċi Sindku u ssekonda Henry Zaffarese. Il-KLM ra li Marouska Zahra hija persuna addattata biex isservi minflok Eric Brincat li mhux se jiġġeddidlu ż-żmien tal-probation minħabba nuqqasijiet li l-KLM ra li kienu serji. Marouska Zahra hija mistennija li tibda' minn Ottubru flok Eric Brincat.

**Clean Up The World**

Għall-inizjattiva *Clean Up The World* kollox lest biex tinżamm għada fl-4.30pm fi Triq tas-Sejba quddiem ir-*Runway tal-MIA*. Bħala affarijiet x'nippreparaw għandna l-ingwanti, *tongs*, *grass cutter,* pali u xkupi u l-ilma. F'dan il-post qed jiġi kkunsidrat illi jinbena iċ-ċint mill-ġdid kif kien għaliex f'din iz-zona qed jipparkjaw diversi skips mimlijin.

***European Mobility Week***

Omar Farruiga qal illi is-Soċjeta' Mużikali Madonna tal-Ġilju qed jorganizzaw il-*Mobility Week* u għaldaqstant nhar l-Erbgħa u l-Ġimgħa bejn il-5.00pm u t-8.00pm u s-Sibt u l-Ħadd bejn is-7.00pm s-1.00am il-vetturi tat-trasport pubbliku mhux se jkunu jistgħu jgħaddu mill-Pjazza tal-Knisja. Għaldaqstant il-KLM se jkun qed jagħmel notifiki mal-*bus stops* li se jkunu affettwati ħalli ma jkunx hemm *commuters* jistennew għal xejn mingħajr ma jkunu jafu b'din id-devjazzjoni fir-rotta.

Grace Marie Zerafa fakkret fil-***bins*** li kienu ordnati għal Triq Valletta fejn l-iskola. Hija qalet li dawn ilhom ordnati u d-DSE se jċempel lis-*supplier* dwarhom.

Fl-aħħar ***ħarġa t'Għawdex*** il-Viċi Sindku qalet illi nġabru €60 biex jingħataw lill-*Community Chest Fund.* Hija qalet ukoll illi ppreżentat donazzjoni ta' €372 lil Puttinu Cares mill-attivitajiet li kienu ġew organizzati matul din is-sena fil-leġislatura preċedenti.

Grace Marie Zerafa ipproponiet ***Buffet Breakfast*** fil-lukanda San Antonio nhar l-1 ta' Novembru 2019. Ma kienx hemm oġġezzjoni għal dan u se jkunu imħejjija l-avviż u l-biljetti.

Owen Sciberras semma' l-abbuż minn **vetturi tqal li deħlin fi Triq Valletta.** Hawn is-Sindku qal li ser issir laqgħa fil-post ma TM u l-LESA biex nindirizzaw l-abbuż ħalli s-sidien tat-trakkijiet jottempraw ruħhom mal-liġi u ma' jidħlux fil-parti d-dejqa ta' Triq Valletta b'vetturi wisgħin li kissru l-faċċati tad-djar.

Owen Sciberras qal illi **Sqaq Numru 5 fi Triq il-Parroċċa** hu kollu imkisser u ma tistax tidħol fih. Hawn intqal illi minkejja li m'hemmx wisq nies joqgħodu hemm il-KLM irid jara x'ser jagħmel ħalli jirrendih aċċessibbli.

Owen Sciberras kien skużat mil-laqgħa fis-7.30pm.

**04.10 Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti numru 566.**

Kienet approvata l-iskeda tal-pagamenti numru 566 b'vot unanimu. Dwar il-kwotazzjonijiet tal-*photocopier* se nindagaw mal-*Avantech* biex inġibu waħda tal-*Canon.* L-istimi l-oħrajn tal-PC u l-Acs se jkunu evalwati minn min jifhem biex issir għażla infurmata.

**04.11 Tmiem tal-laqgħa u qbil fuq data u ħin tal-laqgħa li jkun imiss.**

Il-laqgħa li jmiss setinżamm nhar id-9 ta' Ottubru fil-6.00pm u din intemmet fid-20.00pm.

Meħuda minn Anthony Bonello u approvati llum 9 ta' Ottubru 2019 minn Omar Farrugia

Deputat Segretarju Eżekuttiv Sindku